



**KUNSILL TA'  
L-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 29 ta' Novembru 2007 (30.11)  
(OR. en)**

**15721/1/07  
REV 1**

**LIMITE**

**FISC 164**

**NOTA**

|          |                                                                                                              |
|----------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | COREPER                                                                                                      |
| lil:     | KUNSILL                                                                                                      |
| Suġġett: | Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni ta' l-Intrapriżi)<br>= Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill |

Fir-rigward tal-Kodiċi tal-Kondotta,

il-Kunsill irriafferma l-impenn ta' l-Istati Membri fit-trattament tal-kompetizzjoni fiskali dannuża permezz tal-Kodiċi, kif espress fil-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' l-1 ta' Diċembru 1997. Il-Kunsill fakkar ukoll li l-Istati Membri għandhom jiġu ttrattati b'mod ugwali taħt il-Kodiċi u kkonferma li l-valutazzjoni tal-miżuri għandha tkun ġusta u trasparenti, f'konformità mal-Kodiċi u r-regoli ta' proċedura tiegħu (kif stabbilit fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 1998).

Meta tkellem dwar il-progress tal-ħidma tal-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta, il-Kunsill

- laqa' l-progress dwar "standstill" miksuba mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni ta' l-Intrapriżi) matul il-Presidenza Portugiża kif imniżżel fir-rapport tiegħu (dok. 15545/1/07 REV 1 FISC 157);

- talab lill-Grupp biex ikompli l-monitoraġġ tal-waqfien u l-implimentazzjoni tat-tnaqqis, u biex jirrapporta lill-Kunsill qabel tmiem il-Presidenza Slovena;
  - ikkonferma l-approvazzjoni tiegħu tal-Pakkett ta' Ħidma mniżżel fl-anness II għar-rapport tiegħu (dok. 15545/1/07 REV 1 FISC 157) u tar-regoli proċedurali (pariti 1 u 2 tal-Pakkett ta' Ħidma) stabbiliti fl-anness I għar-rapport tal-Grupp (dok.15545/07 REV 1 FISC 157), u stieden lill-Grupp biex jirrapporta lura dwar il-progress fl-oqsma ta' ħidma oħrajn koperti fl-anness II, fi tmiem il-Presidenza Slovena u dik Franċiża.
-